REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1100/2009

tas-17 ta' Novembru 2009

li jimplimenta l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) 423/2007 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar id-Deċiżjoni 2008/475/KE

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Waqt li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 423/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fid-19 ta' April 2007, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 423/2007 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran. L-Artikolu 15(2) ta' dak ir-Regolament jipprevedi li l-Kunsill għandu jistabbilixxi, jirrevedi u jemenda l-lista ta' persuni, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 7(2) ta' dak ir-Regolament.

(2) Fit-23 ta' Ġunju 2008, il-Kunsill stabbilixxa l-lista ta' persuni, entitajiet u korpi, kif imniżżel fl-Anness V, li għalih japplika l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 423/2007. Skont l-Artikolu 15(3) ta' dak ir-Regolament, il-Kunsill iddikjara raġunijiet individwali u speċifiċi għad-deċiżjonijiet meħuda skont l-Artikolu 15(2) u għarraf lill-persuni, entitajiet u korpi kkonċernati bihom.

(3) Skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament (KE) Nru 423/2007, il-Kunsill wettaq reviżjoni sħiħa tal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 7(2) ta' dak ir-Regolament. Meta għamel dan, huwa ħa kont tal-osservazzjonijiet ippreżentati lill-Kunsill minn dawk ikkonċernati.

(4) Il-Kunsill ikkonkluda li l-persuni, l-entitajiet u l-korpi elenkati fl-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 423/2007 għandhom jibqgħu soġġetti għall-miżuri restrittivi speċifiċi previsti fih.

(5) Il-lista ta' persuni u entitajiet għandha tiġi emendata sabiex jittieħed kont tal-bidliet fil-Gvern u fl-amministrazzjoni fl-Iran, kif ukoll fis-sitwazzjoni tal-individwi u l-entitajiet ikkonċernati.

(6) Il-lista tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi msemmija fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 423/2007 għandha għalhekk tiġi aġġornata kif meħtieġ.

(7) Dan ir-Regolament jissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/475/KE tat-23 ta' Ġunju 2008 li timplimenta l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 423/2007 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran. ([2]) Għalhekk, dik id-Deċiżjoni għandha titħassar,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 423/2007 għandu jiġi sostitwit bit-test imniżżel fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni 2008/475/KE hija b'dan imħassra.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Novembru 2009.

Għall-Kunsill
Il-President
C. BILDT

([1]) ĠU L 103, 20.4.2007, p. 1.

([2]) ĠU L 163, 24.6.2008, p. 29.

ANNESS

"ANNESS V

Lista ta' persuni, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 7(2)

A. **Persuni fiżiċi**

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1.	Reza AGHAZADEH	DtT: 15/03/1949 Numru tal-Passaport: S4409483 validu 26/04/2000 – 27/04/2010 Maħruġ: Tehran, Numru tal-passaport diplomatiku: D9001950, maħruġ fit-22/01/2008 validu sal-21/01/2013; Post tat-twelid: Khoy	Ex Kap tal-Atomic Energy Organisation of Iran (AEOI). L-AEOI tissorvelja l-programm nukleari tal-Iran u hija indikata taħt l-UNSCR 1737 (2006).	24.4.2007
2.	Brigadier-Ġenerali tal-IRGC Javad DARVISH-VAND		MODAFL, Deputat għall-Ispezzjoni. Responsabbli għall-faċilitajiet u l-installazzjonijiet kollha ta' MODAFL	24.6.2008
3.	Brigadier-Ġenerali tal-IRGC Seyyed Mahdi FARAHI		Direttur Maniġerjali tad-Defence Industries Organisation (DIO) li hija indikata fl-UNSCR 1737 (2006)	24.6.2008
4.	Dr Hoseyn (Hossein) FAQIHIAN	Indirizz tal-NFPC: AEOI-NFPD, Kaxxa Postali: 11365-8486, Tehran/Iran	Deputat u Direttur-Ġenerali tal-Nuclear Fuel Production and Procurement Company (NFPC), parti mill-AEOI. L-AEOI tissorvelja l-programm nukleari tal-Iran u hija indikata taħt l-UNSCR 1737 (2006). L-NFPC hija involuta f'attivitajiet marbutin mal-arrikkiment li l-Iran huwa rikjest jissospendi mill-Bord tal-IAEA u l-Kunsill tas-Sigurtà.	24.4.2007
5.	Inġinier Mojtaba HAERI		MODAFL, Deputat għall-Industrija. Rwol superviżorju fuq l-AIO u d-DIO	24.6.2008
6.	Brigadier-Ġenerali tal-IRGC Ali HOSEYNITASH		Kap tad-Dipartiment Ġenerali tal-Kunsill Suprem tas-Sigurtà Nazzjonali u involut fit-tfassil tal-politika dwar il-kwistjoni nukleari	24.6.2008
7.	Mohammad Ali JAFARI, IRGC		Għandu post ta' Kmandant fi ħdan l-IRGC	24.6.2008
8.	Mahmood JANNATIAN	DtT 21/04/1946, numru tal-passaport: T12838903	Viċi Kap tal-Atomic Energy Organisation of Iran	24.6.2008
9.	Said Esmail KHALILI-POUR (magħruf ukoll bħala: LANGROUDI)	DtT: 24/11/1945, PtT: Langroud	Viċi Kap tal-AEOI. L-AEOI tissorvelja l-programm nukleari tal-Iran u hija indikata taħt l-UNSCR 1737 (2006).	24.4.2007

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
10.	Ali Reza KHANCHI	Indirizz tal-NRC: AEOI-NRC Kaxxa Postali: 11365-8486 Tehran/Iran; Fax: (+9821) 8021412	Kap ta' Tehran Nuclear Research Centre tal-AEOI. L-IAEA għadha tfittex kjarifika mill-Iran dwar esperimenti ta' separazzjoni tal-plutonju mwettqin fit-TNRC, inkluż dwar il-preżenza ta' partiċelli ta' HEU fil-kampjuni ambjentali meħudin mill-Karaj Waste Storage Facility fejn jinsabu kontenituri użati għall-ħażna ta' miri tal-uranju eżawrit f'dawk l-esperimenti. L-AEOI tissorvelja l-programm nukleari tal-Iran u hija indikata taħt l-UNSCR 1737 (2006).	24.4.2007
11.	Ebrahim MAHMUDZADEH		Direttur Maniġerjali ta' Iran Electronic Industries	24.6.2008
12.	Brigadier-Ġenerali Beik MOHAMMADLU		MODAFL, Deputat għall-Provvisti u l-Loġistika	24.6.2008
13.	Anis NACCACHE		Amministratur tal-kumpanniji Barzagani Tejarat Tavanmad Saccal; il-kumpannija tiegħu ppruvat takkwista merkanzija sensittiva, għall-benefiċċju tal-entitajiet indikati fil-UNSCR 1737 (2006)	24.6.2008
14.	Brigadier-Ġenerali Mohammad NADERI		Kap tal-Organizzazzjoni tal-Industriji Ajruspazjali (AIO), l-AIO ħadet sehem fi programmi sensittivi Iranjani	24.6.2008
15.	Brigadier-Ġenerali tal-IRGC Mostafa Mohammad NAJJAR		Ministru tal-Intern u Ex Ministru tal-MODAFL, responsabbli għall-programmi militari kollha, inklużi l-programmi tal-missili ballistiċi.	24.6.2008
16.	Dr Javad RAHIQI (RAHIGHI)	DtT: 21/04/1954, DtT skont il-kalendarju Iranjan il-qadim: 1/05/1954, PtT: Mashad	Kap tan-Neutron Physics Group tal-AEOI. L-AEOI tissorvelja l-programm nukleari tal-Iran u hija indikata taħt l-UNSCR 1737 (2006).	24.4.2007
17.	Ali Akbar SALEHI		Kap tal-Atomic Energy Organisation of Iran (AEOI). L-AEOI tissorvelja l-programm nukleari tal-Iran u hija imsemmija taħt l-UNSCR 1737 (2006).	17.11.2009
18.	Kontro-Ammirall Mohammad SHAFI'I RUDSARI		MODAFL, Deputat għall-Koordinazzjoni	24.6.2008
19.	Brigadier-Ġenerali tal-IRGC Ali SHAMSHIRI		MODAFL, Deputat għall-Kontro-Intelligence, responsabbli għas-sigurtà tal-persunal u l-Installazzjonijiet ta' MODAFL	24.6.2008
20.	Abdollah SOLAT SANA		Direttur Maniġerjali tal-Uranium Conversion Facility (UCF) f'Esfahan. Din hija l-faċilità li tipproduċi l-materja prima (UF6) għall-faċilitajiet ta' arrikkiment f'Natanz. Fis-27 ta' Awwissu 2006, Solat Sana rċieva onorifiċenza speċjali mill-President Ahmadinejad għar-rwol tiegħu.	24.4.2007
21.	Brigadier-Ġenerali tal-IRGC Ahmad VAHIDI		Ministru tal-MODAFL u ex Viċi Kap tal-MODAFL	24.6.2008

B. **Persuni ġuridiċi, u entitajiet**

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1.	Aerospace Industries Organisation, AIO	AIO, 28 Shian 5, Lavizan, Tehran	L-AIO tissorvelja l-produzzjoni Iranjana tal-missili, inkluż ix-Shahid Hemmat Industrial Group, ix-Shahid Bagheri Industrial Group u l-Fajr Industrial Group, li kollha kienu indikati fl-UNSCR 1737 (2006). Il-kap tal-AIO u żewġ uffiċjali anzjani oħra kienu wkoll msemmija fl-UNSCR 1737 (2006)	24.4.2007
2.	Armament Industries	Pasdaran Av., Kaxxa Postali 19585/777, Tehran	Sussidjarja tad-DIO (Defence Industries Organisation).	24.4.2007
3.	Armed Forces Geographical Organisation		Ivvalutata li tipprovdi data ġeospazzjali għall-programm tal-Missili Ballistiċi	24.6.2008
4.	Bank Melli, Bank Melli Iran (inklużi l-fergħat kollha) u s-sussidjarji:	Ferdowsi Avenue,Kaxxa Postali 11365-171,Tehran	Jipprovdi jew jipprova jipprovdi appoġġ finanzjarju lil kumpanniji li huma involuti fi jew li jakkwistaw merkanzija għall-programmi nukleari u tal-missili tal-Iran (AIO, SHIG, SBIG, AEOI, Novin Energy Company, Mesbah Energy Company, Kalaye Electric Company u d-DIO). Il-Bank Melli jagħmilha ta' faċilitatur għall-attivitajiet sensittivi tal-Iran. Huwa ffaċilita bosta akkwisti ta' materjali sensittivi għall-programmi nukleari u tal-missili tal-Iran. Huwa pprovda firxa ta' servizzi finanzjarji f'isem entitajiet marbuta mal-industriji nukleari u tal-missili tal-Iran, inkluż il-ftuħ ta' ittri ta' kreditu u ż-żamma tal-kontijiet. Bosta mill-kumpanniji t'hawn fuq ġew indikati fl-UNSCR 1737 (2006) u 1747 (2007). Bank Melli jkompli f'dan ir-rwol billi jimpenja ruħu f'mudell ta' aġir li jappoġġa u jiffaċilita l-attivitajiet sensittivi tal-Iran. Bl-użu tar-relazzjonijiet bankarji tiegħu, huwa jkompli jipprovdi appoġġ għal, u servizzi finanzjarji lil, entitajiet elenkati min-NU u l-UE f'konnessjoni ma' tali attivitajiet. Huwa jaġixxi wkoll f'isem, u taħt id-direzzjoni ta' tali entitajiet, inkluż Bank Sepah, billi spiss jopera permezz tas-sussidjarji u l-assoċjati tagħhom.	24.6.2008
	(a) Melli Bank plc	London Wall,11th floor, London EC2Y 5EA, United Kingdom		
	(b) Bank Melli Iran Zao	Number 9/1, Ulitsa Mashkova Moscow, 130064, Russia		
5.	Defence Technology and Science Research Centre (DTSRC) – magħruf ukoll bl-isem tal-Educational Research Institute/Moassese Amozeh Va Tahgighati (ERI/MAVT Co.)	Pasdaran Av., Kaxxa Postali 19585/777, Tehran	Responsabbli għar-R&Z Sussidjarja tad-DIO. Id-DTSRC jittratta ħafna mill-akkwisti għad-DIO.	24.4.2007

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
6.	Iran Electronic Industries	Kaxxa Postali 18575-365, Tehran, Iran	Sussidjarja sħiħa ta' proprjetà ta' MODAFL (u għaldaqstant organizzazzjoni li tagħmel parti mill-istress grupp bħall-AIO, l-AvIO u d-DIO). Irrwol tagħha hu li timmanifattura komponenti elettroniċi għas-sistema Iranjana tal-armi.	24.6.2008
7.	IRGC Air Force		Tħaddem l-inventarju tal-Iran tal-missili ballistiċi ta' firxa qasira u medja. Il-kap tal-forza tal-ajru tal-IRGC kien indikat fil-UNSCR 1737.	24.6.2008
8.	Khatem-ol Anbiya Construction Organisation	Number 221, North Falamak-Zarafshan Intersection, 4th Phase, Shahkrak-E-Ghods, Tehran 14678, Iran	Grupp ta' kumpanniji ta' proprjetà tal-IRGC. Juża r-riżorsi ta' inġinerija tal-IRGC għall-kostruzzjoni filwaqt li jaġixxi bħala l-kuntrattur ewlieni fi proġetti ewlenin inkluż il-bini ta' mini, ivvalutat li jappoġġa l-programmi ta' missili ballistiċi u l-programmi nukleari Iranjani.	24.6.2008
9.	Malek Ashtar University		Marbuta mal-Ministeru tad-Difiża, fl-2003 ħolqot taħriġ dwar il-missili, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-AIO	24.6.2008
10.	Marine Industries	Pasdaran Av., Kaxxa Postali 19585/777, Tehran	Sussidjarja tad-DIO.	24.4.2007
11.	Mechanic Industries Group		Ħadet sehem fil-produzzjoni ta' komponenti għall-programm ballistiku	24.6.2008
12.	Ministeru tad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL)	West side of Dabestan Street, Abbas Abad District, Tehran	Responsabbli għall-programmi ta' riċerka, żvilupp u manifattura għad-difiża tal-Iran, inkluż appoġġ għall-programmi tal-missili u nukleari	24.6.2008
13.	Ministeru tal-Esportazzjoni tal-Loġistika għad-Difiża (MODLEX)	Kaxxa Postali 16315-189, Tehran, Iran	Huwa t-taqsima ta' MODAFL marbuta mal-esportazzjoni, u l-aġenzija użata għall-esportazzjoni ta' armi lesti f'transazzjonijiet bejn stati. Skont l-UNSCR 1747 (2007) MODLEX m'għandhiex tkun involuta f'kummerċ.	24.6.2008
14.	3M Mizan Machinery Manufacturing		Soċjeta fittizja tal-AIO, li tieħu sehem f'akkwisti fil-qasam ballistiku	24.6.2008
15.	Nuclear Fuel Production and Procurement Company (NFPC)	AEOI-NFPD, Kaxxa Postali: 11365-8486, Tehran/Iran	Id-Diviżjoni tal-Produzzjoni ta' Karburant Nukleari (NFPD) tal-AEOI hija responsabbli għar-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam taċ-ċiklu tal-karburant nukleari inklużi: l-esplorazzjoni tal-uranju, ix-xogħol fil-minjieri, it-tħin, il-konverżjoni u l-ġestjoni tal-iskart nukleari. L-NFPC hija s-suċċessur tal-NFPD, il-kumpannija sussidjarja taħt l-AEOI li tmexxi r-riċerka u l-iżvilupp fiċ-ċiklu tal-karburant nukleari inkluż il-konverżjoni u l-arrikkiment	24.4.2007

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
16.	Parchin Chemical Industries		Ħadmet fuq tekniċi ta' propulsjoni għall-programmi ballistiku tal-Iran	24.6.2008
17.	Special Industries Group	Pasdaran Av., Kaxxa Postali 19585/777, Tehran	Sussidjarja tad-DIO.	24.4.2007
18.	State Purchasing Organisation (SPO)		Jidher li l-SPO tiffaċilita l-importazzjoni ta' armi sħaħ. Jidher li hija sussidjarja ta' MODAFL	24.6.2008"